Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna de ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Swipe to change

# Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

## Ġermanja

## il-Ġermaniż

Din it-taqsima tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġistru tal-artijiet tal-Ġermanja.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżl-Estonjanil-Griegil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanl-Ungeriżl-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

**X'informazzjoni joffri r-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż?**

Ir-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż jipprovdi informazzjoni dwar relazzjonijiet ġuridiċi tal-liġi ċivili li jikkonċernaw il-proprjetà immobbli. Fih tinstab ukoll id-dejta dwar is-sidien u d-drittijiet tal-proprjetà tal-partijiet terzi fir-rigward tal-art. Ir-Reġistru tal-Artijiet jinżamm primarjament fil-format elettroniku.

Dan ir-Reġistru jistgħu jaċċessawh biss persuni li juru raġunijiet ta' interess leġittmu għalfejn iridu jikkonsultawh (eż. b'mod partikolari għal raġunijiet legali jew ekonomiċi). Biex jagħmlu dan, l-ewwel iridu jikkuntattjaw l-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet fid-distrett fejn il-biċċa art tkun tinsab. Dawn il-persuni jistgħu wkoll japplikaw għal kopji stampati mir-Reġistru tal-Artijiet.

Barra minn hekk, grupp ristrett ta' utenti jista' jikkonsulta d-dejta tar-Reġistru tal-Artijiet permezz ta' portal elettroniku tal-Istat Federali partikolari. Dawn l-utenti jinkludu l-qrati Ġermaniżi, l-awtoritajiet pubbliċi, in-nutara, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' distribuzzjoni. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Federali huma responsabbli għar-regolazzjoni ta' dawn it-talbiet ta' aċċess.

**L-aċċess għar-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż huwa mingħajr ħlas?**

Il-konsultazzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż fl-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet hija mingħajr ħlas. Silta sempliċi mir-reġistru tiswa EUR 10, kopja ċċertifikata tiswa EUR 20. L-aċċess jew il-konsultazzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet b'mod elettroniku jsiru wkoll bi ħlas.

**Kif wieħed ifittex fir-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż**

Fir-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż wieħed jista' jfittex permezz ta' dawn il-kriterji li ġejjin:

In-numru tal-paġna tar-Reġistru tal-Artijiet

L-unità kadastrali

L-indirizz

Isem il-Propjetarju

**L-istorja tar-Reġistru tal-Artijiet Ġermaniż**

Bl-għajnuna tar-Reġistru tal-Artijiet, wieħed normalment jista' jsib l-istorja tas-sjieda tal-proprjetà mobbli sa mill-bidu tas-Seklu 20.

Min-nofs id-disgħinijiet 'l hawn, il-verżjoni tal-karta tar-Reġistru tal-Art Ġermaniż ġiet sostitwita minn verżjoni elettronika. Din il-migrazzjoni tlestiet fil-parti l-kbira tagħha.

L-aħħar aġġornament: 05/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.